**Minuti tal-Laqgha Nru. 58 / 2015**

Il-Laqgha Nru 58/2014 tat-Tieni Amministrazzjoni saret
l-Erbgha 18 ta' Frar, 2015 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kumitat Regjonali Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| **Prezenti *ghal*-laqgha:** | **Attendenza:** |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President |
| Is-Sur Christian Micallef | Kunsillier, Valletta |
| Is-Sur Lorry Attard | Kunsillier, Birgu |
| Mr Ramon Mangion | Kunsillier, Isla |
| Is-Sinj. Alison Zerafa Civelli | Sindku Bormla |
| Is-Sur Joe Attard | Sindku Zejtun |
| Is-Sinj. Speranza Chircop | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Joseph Abela | Sindku Tarxien |
| Is-Sinj. Joan Mangion | A/Segretarju Ezekuttiv |

Kienu prezenti l-Accountants tar-Regjun li huma Mazars

**Skuzati:**
Is-Sur Anthony Valvo – Sindku Xghajra
Is-Sur Byron Camilleri – Sindku Fgura

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha fis-6.30pm.

**1.1 Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 55/2014 mizmuma fid-19 ta' Novembru, 2014 kienu gew iċċirkolati minn qabel, u ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv. L-Iskeda tal-Pagamenti li giet ukoll approvata, giet iffimata wkoll minn zewg membri tal-Kumitat.

**2.1 Arising mill-minuti**

2.1.1 Is-Sur J Attard, Sindku taz-Zejtun, staqsa dwar l-andament tal-gwardjani. Il-President wiegeb li s-servizz kien miexi sewwa u kien hemm izjed interess minn naha tal-Kumpanija. Is-Sur Micallef, Kunsillier Il-Belt Valletta, qal li is-sistema fil-Belt kienet qed tahdem ahjar. Hu ilmenta li il-Kunsill kien qed jircievi numru ta' complaints mir-residenti fuq il-permessi ghar-residential parking. Dan ghaliex numru ta' individwi kienu registrati bhala residenti il-Belt fuq l-ID card anke jekk fil-fatt dawn ma kienux joqghodu hemm.

Il-President, ix-Chev. Paul Farrugia, spjega li is-servizz mizjud ta' eco wardens li kien qed jithaddem fil-Belt ma kienx qed jirrendi u lanqas biss kein qed ikopri l-ispezzez biex jigi providut dan is-servizz. Gie deciz li ghal daqstant il-belt terga tidhol fir-rotta normali tal-Eco Wardens mir-roster li jmiss.

2.1.2 Is-Sur J Attard, spjega li ir-rosters li inghataw lil-eco wardens fix-xhur ta' Dicembu u Jannar ma kienux effettivi u saqsa jekk il-kuntratt kienx jippermetti li jintbaghtu izjed kmieni fil-ghodu.

Is-Sur L Attard, Kunsillier il-Birgu, staqsa jekk l-evidenza maqbuda mill-cameras hix bizzejjed bhala xhieda meta jkun hemm reati marbutin ma thammig.

2.1.3 Is-Sur J Attard, Sindku Kunsill Zejtun, gibed l-attenzjoni tal-Kumitat li il-kunsilli ma kienux ghadhom qed jircievi ir-rapporti ta' kull xahar dwar il-perforamance tal-kunsill. Il-prtesident qal li se tkun qed tittiehed azzjoni biex dawn ir-rapporti jerghu jibdew jintbaghtu.

2.1.4 Is-Sur J Attard, Sindku Kunsill Zejtun, talab biex issir talba, kif kien miftiehem fil-laqgha precedit, biex issir laqgha mal Onerevoli Ministru Dr Owen Bonnici.

2.1.5 Is-Sur Joseph Attard, Sindku taz-Zejtun rega' sahaq li t-Tribunal huwa parti mis-sistema

gudizzjarja Maltija u ghalhekk l-operat tieghu ghandu jigi finanzjat mill-Ministeru.

3.1 **Komunikazzjoni mil-President**

3.1.1 Il-President, ix-Chev. Paul Farrugia, beda biex informa lil dawk prezenti li is-Segretarju Ezekuttiv irezenjat b'sehh mis-17 ta' Frar, 2015 u fil-frattemp kienet inhatret is-Sra Joan Mangion bhala Agent Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur J Attard, Sindku Zejtun, irringrazzja lis-Sra Tania Belfiore ghal-hidma taghha fir-Regjun.

3.1.2 Il-President spjega li ir-Regjun kien hareg sejha ghal post ta Segretarju Ezekuttiv u kien ircieva tmien applikazzjonijiet. Minn dawn sebgha kienu inelegibli. L-unika applikazzjoni elegibli kienet dik tas-Sinj. Joan Mangion, l-Agent Segretarju Ezekuttiv. Il-President ippropona li is-Sinj. Mangion tkun ikkonfermata bhala Segretarju Ezekuttiv. Wara li is-Sinj. Alison Zerafa Civelli issekondat din il-mozzjoni, kien hemm qbil unanimu li is-Sinj. Joan Mangion tkun appuntata bhala Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun.

3.1.3 Il-President, ix-Chev Paul Farrugia talab li l-Agent Segretarju Ezekuttiv tinghata il-firma fuq il-kontijiet bankarji flok is-Segretarju Ezekuttiv precedenti. Giet approvata rizoluzzjoni li is-Segretarju Ezekuttiv il-gdid, Is-Sra Joan Mangion tkun awtorizzata li tiffirma ic-cekkijiet tar-Regjun kif wkoll li tkun tista taghmel l-arrangamenti u transazzjonijiet kollha, inkluz dawk li thaddem l-internet banking u li tbiddel il-persuna awtorizzata fuq l-imsemmi internet banking mis-Sra Lautier ghal fuq isimha, u biex tkun rikonoxxuta mill-banek koncernati kollha bhal wahda mill firmatarji fuq il-kontijiet kollha mizmuma maghhom.

3.1.4 Gie diskuss il-Perfromance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u l-Istaff tar-Regjun. Gie deciz li is-Segretarju Ezekuttiv tinghata 5% kemm ghas-sena 2014 kif wkoll ghat-2015. Gie approvat Performance Bonus ta' 6% ghat-tlett impjegati tar-Regjun.

3.1.5 Il-President informa lill-Kumitat li Is-Segretarju Ezekuttiv precedenti, is-Sra Tania Belfiore talbet biex takkumula 72 siegha vacation leave mis-sena precedenti ghal din is-sena. Din it-talba giet milqugha b'mod unanimu.

3.1.6 Il-President, ix-Chev. Paul Farrugia, spjega li ir-Regjun kien inghata il-permess biex ic-citazzjonijiet mahruga bejn is-snin 2000 u 2008 li kienu gew imhallsa jigu shredded. Hu qal li bhalissa kien ghaddej ezercizzju minn studenti tal-ETC biex jigu maghzula dawk ic-citazzjonijiet li kienu ghadhom dovuti biex b'hekk dawn ikunu jistghu jinghataw lill-Kunsilli rispettivi.

4.1 **Approvazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena li nghalqet fil-31 ta' Decembru, 2014**

4.1.1 Il-President ix-Chev. Paul Farrugia qal li r-Regjun kien hejja ir-Rapport Finanzjarju tas-sena 2014.

L-Accountants taw spegazzjoni dettaljata tar-rapport li kienu qed iresqu u gibdu l-

attenzjoni lir-Regjun, li il-percentagg tac-citazzjonijiet li inhargu sa l-ahhar tas-sena 2013 u li ma baqghu ma thallsux sa l-ahhar tas sena 2014 kien telgha b'mod konsiderevoli ghal 58.12%. Huma ziedu li b'konsultazzjoni mal-President kif wkoll mas-Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun gie deciz li l-istima ta' tickets mhux imhallsa ttitiehed bhala percentagg fuq l-ahhar 3 snin flok fuq l-ahhar 5 snin kif kien sisir fis-snin mghoddija; dan biex din l-istima tkun tirrifletti ir-realta ahjar.

L-Accountants komplew jispjegaw li iz-zieda sostanzjali fil-pagi kienet tirrifletti il-fatt li l-impjegati kienu fil-bidu tas-sena ghaddew fuq il-kotba tal-Regjun u ma baqghux aktar outsourced minghand il-kuntrattur. L-ispejjez tal-operat kienu maqsuma f'gwardjani lokali inkluz l-eco wardens, id-Datatrack, l-spejjez relatati mat-tribunali, l-authorized officers u 10% administration fee.

Il-Financial statements qed juru li r-Regjun spicca s-sena finanzjarja bi Profit ta' Euro 47,197.

Gie ukoll registrat li r-Regjun ghandu jdahhal is-somma ta' Euro 1,239,574 fil-waqt ghandu jaghti s-somma ta' Euro 784,432. L-ammont ta'91,098.82 f'sieghat untracked mil-kumpanija Sterling Security u li kien ikkontestat mir-Regjun ma kienx gie mehud inkonsiderazzjoni mal-kredituri. Dan ghaliex fl-laqghat precedenti il-Kumitat kien qabel li dawn il-flus ma humiex dovuti ghax is-servizz ta gwardjani ma kienx inghata u ghalhekkl-untracked hours ma ghandhomx jithallsu.

It-total ta' Riservi flimkien mal-Liabilities kienu issa jammontaw ghal-Euro 1,328,206.

Is-Sur J Attard, Sindku Kunsill Zejtun, talab li jkun hemm paraguni mar-Regjuni l-ohra.

Il-President qal li hawn numru konsiderevoli ta' vetturi bla licenzja. Huwa zied jghid li ir-Regjun kien se jaghmel ezercizzju biex jinbaghtu ittri lill kull min ghandu citazzjonijiet pendenti. Dan l-ezercizzju kien se jsir flimkien ma Dr S Farrugia Sacco li kien offra dan is-servizz b'xejn meta issottemetta l-offerta tieghu ghas-servizzi ta prosekutur mar-Regjun.

Is-Sur L Attard, kunsillier Il-Birgu, staqsa jekk ic-citazjonijiet jigux preskritti. Il-President, ix-Chev. Paul Farrugia sjega li ma m'hemm zmien ta' preskrizzjoni.

Wara li l-Mazars qraw l-Financial Statements u ma kienx hemm aktar kjarifiki xi ssiru, il-President tar-Regjun is-Sur Paul Farrugia, ghadda dan ir-rapport ghal-approvazzjoni tar-Regjun u gie approvat b'mod unanimu.

Ghaldaqstant dawn il-Financial Statements gew iffirmati mil-President tar-Regjun ix-Chev Paul Farrugia u mil-Agent Segretarju Ezekuttiv Joan Mangion.

5.1 **<u>Adgudikar tat-tender tad-dawl tat-toroq</u>**

5.1.1 Il-President, Ix-Chev Paul Farrugia spjega li ghal din it-tender ir-Regjun kien ircieva offerta wahda minghand Nexos Street lighting.

Is-Sur L Attard, Kunsillier il-Birgu, spjega li il-Kunsill tal-Birgu ghandu kuntratt li ghadu validu.

Is-Sur Ramon Mangion, Kunsillier l-Isla, qal li il-Kunsill tal-Isla ghandu kuntratt validu man-Nexos Street lighting stess.

Wara li ikkonsidra din l-offerta, il-Kumitat approva b'mod unanimu li din l-oferta tigi milqugha.

Il-President issugerixxa li meta issir talba ghal-servizz il-kunsilli fl-email taghhom lil-kumpanija jikkopjaw fl-email taghhom lis-Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun halli tkun tista taghmel follow up tat-talba.

6.1 **Punti Ohra**

6.1.1 Is-Sra Speranza Chircop, Sindku Kalkara, spjegat li kien qed isir xoghol f'numru ta' toroq fil-lokalita' u ghalhekk kien hemm numru ta' parking bays li ma setghux jintuzaw. Dan kien qed iwassal ghal-problema ta' parking u mumru ta' residenti li kien qed ikollhom jipparkjaw f'no parking zones kienu qed jaqilghu citazzjonijiet. Hija talbet li sakemm jitlesta ix-xoghol fuq dawn it-toroq, il-gwardjani ikunu izjed kawti meta jaghtu ic-citazzjonijiet. Il-President, Ix-Chav Paul Farrugia, wieghed li se jkun qed jidbed l-attenzjoni tal-Authorised Officers ghal din il-problema b'mod immedjat.

7.1 **Gheluq tal-Laqgha u Aggornament**

7.1.1 Il-Laqgha ntemmet fit-8:30pm.

**Chev. Paul Farrugia**
**President**

**Joan Mangion**
**A/Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati llum ta' 2015.